2024/2867

11.11.2024

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2867

tat-2 ta' Settembru 2024

li jemenda r-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-preżentazzjoni tal-logo tal-produzzjoni organika tal-Unjoni Ewropea

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 33(6) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness V tar-Regolament (UE) 2018/848 jistabbilixxi l-mudelli tal-logo tal-produzzjoni organika tal-Unjoni Ewropea li jista' jintuża, inkluż mudell iswed u abjad. Madankollu, mudell kompletament invertit (in-negattiv) bl-abjad u bl-iswed b'linja esterna ta' delimitazzjoni madwar il-logo jew mingħajrha mhuwiex awtorizzat b'mod espliċitu. L-Anness V tar-Regolament (UE) 2018/848 għandu jipprovdi b'mod espliċitu li mudell bħal dan huwa awtorizzat ukoll minħabba li jwieġeb għal ħtieġa teknika fuq il-post.

(2) L-Anness V tar-Regolament (UE) 2018/848 jipprovdi l-kulur għal-logo tal-produzzjoni organika ħadra tal-Unjoni Ewropea bil-kulur ta' referenza fiċ-ċart tal-kuluri Pantone u fil-mudell tal-kuluri CMYK, fejn jintużaw erba' pjanċi tal-linka — "cyan", maġenta, isfar u "key" (iswed). Ir-referenza ekwivalenti fil-mudell tal-kuluri RGB, fejn jintużaw tliet kuluri primarji addittivi, aħmar, aħdar u blu, jenħtieġ li tiġi pprovduta wkoll għal skopijiet diġitali.

(3) L-Anness V tar-Regolament (UE) 2018/848 jipprevedi li tista' tintuża linja esterna ta' delimitazzjoni madwar il-logo meta l-logo jkun fuq sfond li jagħmilha diffiċli biex wieħed jarah. Sabiex jiġi żgurat li l-proporzjonijiet tar-relazzjoni bejn l-għoli u l-wisa' jiġu rispettati, għandha dejjem tintuża linja esterna tad-delimitazzjoni meta l-logo jkun fuq sfond li jagħmilha diffiċli biex wieħed jarah.

(4) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2018/848 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness V tar-Regolament (UE) 2018/848 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Settembru 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([1]) ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/848/oj.

ANNESS

L-Anness V tar-Regolament (UE) 2018/848 huwa emendat kif ġej:

(1) il-punti 1.2 u 1.3 huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"1.2. Il-kulur ta' referenza huwa aħdar 50/0/100/0 fil-proċess CMYK, Nru 376 fiċ-ċart tal-kuluri Pantone u 169/201/56 fil-mudell tal-kuluri RGB.

1.3. Il-logo tal-produzzjoni organika tal-Unjoni Ewropea jista' wkoll jintuża bl-abjad u bl-iswed kif muri hawn taħt, jew f'format totalment invertit (in-negattiv) bl-abjad u bl-iswed, iżda biss fejn ma jkunx prattikabbli li jintuża l-mudel tal-kuluri:



";

(2) il-punt 1.5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1.5. Jekk jintuża logo fuq sfond li jagħmilha diffiċli biex wieħed jarah, għandha tintuża linja esterna ta' delimitazzjoni madwar il-logo sabiex jittejjeb il-kuntrast mal-isfond.".